MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 75/2024 LM

**Michael John Paguio (detentur tal-Passaport Filippin Numru P0979524C)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identità**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Michael John Paguio (detentur tal-Passaport Filippin Numru P0979524C)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fis-7 t'Awwissu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-

Bord'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimata **Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Therefore, after having read the relative submissions and due to the above reason, the Board declares this appeal as null and void.*
>
> *The Board orders notification of this decision to the Principal Immigration Officer."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent applika għal permess ta' residenza u xogħol ma' Safeguarding Employment Agency Malta Limited fit-13 t'Awwissu, 2023. Jirriżulta li l-applikazzjoni f'isem ir-rikorrent saret mill-istess kumpannija li huwa kellu jaħdem magħha, imma peress li din il-kumpannija naqset milli tirreġistra impjegati ma' JobsPlus, kien hemm diffikultajiet biex l-applikazzjonijiet għall-permess ta' residenza u xogħol li saru f'isem il-ħaddiema prospettivi tagħha, jiġu pproċessati. Dan in-nuqqas wassal biex ir-rikorrent tqies li kien qiegħed f'Malta illegalment, u bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u huwa ġie mgħarraf mill-intimata li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda permezz ta' ittra datata l-15 ta' Settembru, 2023. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni.

3. L-appellata wieġbet li hija ma setgħetx tirrispondi għall-appell ippreżentat mir-rikorrent għaliex dan naqas milli jelenka l-aggravji li qiegħed jappella dwarhom, u fil-fatt wara li informa lill-Bord li kellu interess iressaq appell mid-deċiżjoni tal-intimata, huwa ma ressaq l-ebda sottomissjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward. L-intimata qalet li ladarba r-rikorrent ma ressaq l-ebda

sottomissjonijiet in sostenn tal-appell tiegħu, l-appell għandu jitqies li huwa null. B'riferiment għall-mertu tal-kwistjoni, l-intimata qalet li fil-15 ta' Settembru, 2023, hija ħarġet ittra ta' rifjut lir-rikorrent għaliex wara li saret id-*due diligence* meħtieġa, l-applikazzjoni tar-rikorrent ma ġietx approvata minn JobsPlus, u dan wara li l-prinċipal prospettiv tar-rikorrent Safeguarding Employment Agency Limited, naqset milli tirreġistra l-impjegati tagħha ma' JobsPlus. L-intimata qalet li fit-30 ta' Ġunju, 2023, JobsPlus bagħtet tinforma lil klijent tal-prinċipal prospettiv tar-rikorrent, li miegħu kellu jiġi outsourced l-appellant, li huwa kellu jipprovdi informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati li kien jeħtieġ biex jaħdmu miegħu, ir-rwol li kellhom jaqdu, u konferma li huma ser ikunu qegħdin jagħmlu użu mis-servizzi ta' Safeguarding Employment Agency Limited għall-impjieg tagħhom. Qalet li JobsPlus hija lresponsabbli mill-ħruġ ta' liċenzji lil ċittadini minn pajjiżi terzi *ai termini* tal-Kap. 594 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk din kellha tkun konvinta li kien ser ikun hemm xogħol biżżejjed għar-rikorrent, u li għalhekk kien hemm il-ħtieġa ġustifikata għas-servizzi tiegħu f'Malta. Qalet li fil-5 ta' Settembru, 2023, JobsPlus infurmatha li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma kinitx rakkomandata għall-approvazzjoni, għaliex kien iddikjara li kien ser jaħdem mas-soċjetà Safeguarding Employment Agency Limited, li diġà kellha diversi notifiki ta' vakanzi ma' *temping agencies* oħra li ma kinux ġew sodisfatti. L-intimata qalet li kien għalhekk li l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet rifjutata.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 t'Awwissu, 2024, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. __Preliminary__*

*The Board:*

*Noted that in virtue of a decision issued on __15th September, 2023__, by Identità, stated that **the appellant's single permit application was refused as it transpired that Safeguarding Employment Agency Limited** (the prospective employer) **has failed to duly register any employees with JobsPlus:***

**"In view of this you do not hold legal status in Malta and unless you have alternative authorisation to stay in Malta legally, any further stay may be deemed in violation of the Immigration Act";**

*Noted the application form but no letter of appeal;*

*Noted the appeal registered on __19th September 2023__; and*

*Noted Identità did not file a reply.*

***2. __Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board__***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **__Edwin Zard et vs Gilbert Spiteri et__** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant's file:*

- *Identità refusal decision;*
- *The application form of the appeal;*
- *The Board's registered receipt of the appeal;*
- *Residence permit receipt of payment form; and*
- *An email.*

*The appellant has barely provided any evidence and has not presented any valid arguments in support of his case.*

*The Board, therefore, refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Albert Bellard vs. id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Expatriate Affairs*** *decided on 9th July, 2020 in which it was held:*

"Kif tajjeb irrilevat fil-ġurisprudenza ċċitata mill-abbli Avukat tal-Istat, l-essenzjal tal-fair hearing hu li kull parti tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha, b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li, kif jgħid il-Malti, tisma' ż-żewġt iqniepen. M'hemmx għalfejn li jkun hemm trattazzjoni orali. Barra minn hekk, hija għal kollox inaċċettabbli l-qagħda tal-appellant li quddiem il-Bord ma pproduċa ebda aggravju in sostenn tal-appell tiegħu u minn fuq jippretendi li l-Bord jagħmillu xogħlu hu."

*The Board wholeheartedly shares the reasoning of the Court of Appeal in that case and can apply it to the current case. In the present case, the appellant brought forward no grievances and no submissions to address the merits of the case.*

*3.* ***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions and due to the above reason, the Board declares the appeal as null and void.*

*The Board orders notification of the decision to the Principal Immigration Officer."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-16 t'Awwissu, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji tiegħu, u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-7 t'Awwissu, 2024.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u qal fl-ewwel lok li kuntrarjament għal dak indikat fid-deċiżjoni appellata, huwa qatt ma rċieva xi tip ta' korrispondenza dwar l-applikazzjoni tiegħu. Qal li minkejja li huwa l-applikant għas-*Single Permit Application,* tali korrispondenza kienet ġiet indirizzata biss lis-soċjetà Safeguarding Employment Agency Limited, u mhux lilu. Qal li għalhekk kwalunkwe komunikazzjoni qatt u fl-ebda mument ma ġiet indirizzata lilu, u huwa ma kellu l-ebda konoxxenza dwar l-inkartament tal-appell, u fil-fatt baqa' sajjem minn din l-informazzjoni minkejja li intavola l-appell tiegħu. Qal li l-Bord straħ fuq il-fatt li huwa naqas milli jippreżenta provi li jissostanzjaw l-aggravji mressqa minnu. Qal li huwa ma kellu l-ebda informazzjoni dwar ir-raġunijiet li fuqhom sar l-appell f'ismu, u fi kwalunkwe każ l-informazzjoni kienet tikkonċerna nuqqasijiet tas-soċjetà appellanta u mhux lilu. L-appellant sostna li huwa kellu jiġi infurmat b'dan kollu, għaliex l-appell li sar jikkonċerna lilu, u żied jgħid li minkejja diversi tentattivi ta' komunikazzjoni, huwa baqa' ma ngħatax din l-informazzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. L-appellata wieġbet li l-appell intavolat mill-appellant huwa null u inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, u l-appellant mhuwiex persuna msemmija fit-Taqsima III għaliex la huwa ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera.

Żiedet tgħid li jekk din l-eċċezzjoni preliminari tagħha tiġi miċħuda, din il-Qorti għandha tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-Bord tas-7 t'Awwissu, 2024 hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

8. L-appellata qalet li mhuwiex minnu li d-deċiżjoni appellata ntbagħtet fl-indirizz postali tal-prinċipal prospettiv tal-appellant, għaliex id-deċiżjonijiet jintbagħtu fl-indirizz elettroniku li jkun ġie indikat fl-applikazzjoni. Qalet li kien l-appellant li indika l-indirizz elettroniku tiegħu fl-applikazzjoni tiegħu, u li għalhekk id-deċiżjoni ntbagħtet ukoll fuq dan l-indirizz elettroniku b'mod awtomatiku mis-sistema. Żiedet tgħid li s-sistema tibgħat ukoll notifika tad-deċiżjoni fuq l-indirizz elettroniku tal-prinċipal prospettiv tal-applikant, jekk dan l-indirizz ikun disponibbli.

9. L-appellata qalet li l-Liġi Sussidjarja 217.17 li tirregola applikazzjonijiet għal *single permits,* tagħti opportunità liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jintavola quddiem il-Bord appell mid-deċiżjoni tal-appellata, u għalhekk, irrispettivament minn min kien li rċieva n-notifika tad-deċiżjoni, il-liġi hija ċara u tgħid li huwa l-applikant li għandu dritt iressaq appell.

10. L-appellata qalet ukoll li ladarba l-appell li sar mill-prinċipal prospettiv kien null, għaliex dan ma kellu l-ebda dritt iressaq appell f'isem impjegat prospettiv tiegħu, l-appellant issa ma jistax jirkeb fuq dak l-appell u jagħmlu tiegħu, għaliex *quod nullum est nullum producit effectum.* Żiedet tgħid li kieku l-appellant ried jappella quddiem il-Bord, dan seta' jagħmel hekk separatament mill-appell null tal-prinċipal prospettiv.

11. L-appellata qalet ukoll li minkejja dak li ngħad mill-appellant, jiġifieri li huwa ma kellu l-ebda konoxxenza tal-appell li sar f'ismu, mill-atti ta' quddiem il-Bord għandu jirriżulta li fil-formola tal-appell tniżżel isem l-applikant u l-appellant kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Żiedet tgħid li jekk jiġi stabbilit li l-appell sar f'isem l-appellant mingħajr ma ngħata mandat lil min għamlu, l-appellant jista' jieħu l-passi neċessarji kontra min aġixxa b'dan il-mod. Qalet ukoll li l-Bord kellu raġun iqis l-appell bħala wieħed li sar mill-appellant, u fi kwalunkwe każ jekk huwa minnu li l-appell ma sarx mill-appellant jew f'ismu b'mod leġittimu, l-appell għandu jitqies li huwa null *ab initio,* u la seta' jsir u lanqas seta' jiġi salvat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqa mill-appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellant ma jinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, għax għad irid ikun hemm l-eżitu finali ta' dan l-appell sabiex dak il-punt jiġi determinat darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellant li jressaq l-appell tiegħu.

| | |
|---|---|
| *L- Aggravju:* | *[Skont l-appellant il-korrispondenza qatt ma ġiet notifikata lilu, u ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni miegħu; in-nuqqasijiet huma tal-prinċipal prospettiv tiegħu]* |

13. L-appellant jgħid li kuntrarjament għall-impressjoni li ngħatat mill-appellata, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu baqgħet qatt ma ġiet notifikata lilu. Jgħid li mill-provi jirriżulta li l-korrispondenza rigward in-nuqqasijiet min-naħa tal-prinċipal prospettiv tal-appellant, intbagħtet fl-indirizz tas-soċjetà Safeguarding Employment Agency Limited, u ma ġiex ippruvat li l-appellant ġie nnotifikat b'din il-korrispondenza imqar permezz tal-posta elettronika. Mill-inkartament tal-Bord, jirriżulta li l-indirizzi indikati fuq l-applikazzjoni li saret f'isem l-applikant, huma indirizzi elettroniċi ta' individwi Maltin, u għalhekk, in vista tan-nuqqas ta' prova min-naħa tal-appellata li l-appellant verament ġie nnotifikat bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu, il-Qorti ma tistax tippreżumi li l-appellant ġie notifikat kif suppost. Il-Qorti tfakkar f'dak li jipprovdi r-Regolament 15 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17:

> "Id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub."

15. In vista tan-nuqqas ta' prova li d-deċiżjoni tal-appellata ġiet ikkomunikata lill-appellant permezz tal-posta elettronika, il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, għaliex safejn tista' tistabbilixxi din il-Qorti, ma ġiex ippruvat li l-appellant ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tal-appellata.

16. B'riferiment għall-konklużjoni tal-Bord li l-appellant naqas milli jressaq provi sabiex jissostanzja l-każ tiegħu, il-Qorti tirrileva li għandu jirriżulta bl-aktar mod ampju li ladarba l-appellant kien eskluż mill-korrispondenza kollha li ntbagħtet bejn l-aġenziji pubbliċi u l-prinċipal prospettiv tal-appellant, u dan bi ksur tal-liġi, l-appellant ma kellu l-ebda provi x'iġib fir-rigward, partikolarment meta n-nuqqasijiet kienu konsegwenza tal-aġir jew omissjoni min-naħa tal-prinċipal prospettiv tal-appellant, liema nuqqasijiet ċertament li ma kinux fil-kontroll tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqa' l-appell tal-appellant, u tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tas-7 t'Awwissu, 2024 fl-ismijiet premessi.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**